MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1350/2001/1

**Massimo Alakkad.**

**vs.**

**Jacqueline Alakkad.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-14 ta’ Ottubru 1995 kif jindika ic-certifikat anness bhala (Dok. “A”);

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza **artikolu 19 (1) (a) Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita tal-parti l-ohra; **artikolu 19 (1) (b) Kap 225 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg **artikolu 19 (1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg **artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur **artikolu 19 (1) (g) Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi wahda mill-partijiet ghalkemm mhux interdetta jew marida b’mohhha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg **artikolu 19 (1) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi partijiet kienu jifformaw parti minn ghaqda religjuza “Christian Fellowship” li kienet timponi lill-membri taghha biex jizzewgu persuni tal-istess ghaqda – l-attur b’hekk hassu obbligat li jeskludi kull persuna ohra barra minn dik l-ghaqda u jizzewweg lill-konvenuta; fil-fatt iz-zwieg sar anke minghajr kien hemm veru imhabba bejn il-partijiet. Fil-fatt il-problemi fiz-zwieg bdew mill-ewwel. Jinghad ukoll illi partijiet b’hekk iddecidew li ma jizzewgux bil-Knisja Kattolika;

Illi l-attur hassu kwazi sfurzat mill-indottrinament tal-ghaqda li jizzewweg lill-konvenuta anke ghaliex hass li ma setax jizzewweg barra mill-ghaqda kien jaqbillu jikkuntenta bil-konvenuta

Illi ghalhekk l-istess attur talb lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-14 ta' Ottubru 1995 huwa null *ai termini* tal- **artikolu 19 (1) (a) (b) (d) (f) (g) u (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda li ghamel l-attur (a fol. 4) bix-xhieda hemm indikati, liema lista tax-xhieda hija skond il-ligi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta (a fol. 11) fejn gie eccepit:-

1. Illi hi taqbel ma' l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-attur;

2. Illi ghal dak li jirrigward l-fatti msemmija minn numru 2 sa 7, il-kunsens tal-partijiet inghata validament u ma kien ivizzjat bl-ebda mod;

3. Illi ghal dak li jirrigwarda l-paragrafi 8 u 9 l-esponenti jidhrilha li l-partecipazzjoni taghhom fl-Ghaqda “Christian Fellowship” ghinithom imorru aktar ‘l quddiem kemm individwalment u kemm fiz-zwieg;

4. Salvi eccezjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 11 u l-lista tax-xhieda a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Frar 2002, tal-11 ta' April 2002 fejn inghata digriet adffidavit tal-partijiet u tat-8 ta' Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attur datata 4 ta' Novembru 2002 li permezz taghha ezbixxa l-affidavits tieghu, ta' Victoria Alakkad, u ta' Alex Bonnici.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 5 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha esebit l-affidavits taghha, ta' Benjamin Alakkad, ta' Angelo Abela, ta' Christopher Abela u ta' Mary Grace Alakkad.

Rat in-nota tal-attur datata 31 ta' Jannar 2003 li permezz taghha ezbixxa l-affidavit ulterjuri tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Frar 2003, tas-26 ta' Marzu 2003, tal-4 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 24 ta' Gunju 2003 fejn talbet li jttawwal iz-zmien ghat-twegiba tal-esponenti sal-15 ta' Ottubru 2003.

Rat id-Digriet tal-Qorti datat 24 ta' Gunju 2003 fejn giet milqughha t-talba.

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta l-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet esebiet bhala Dok. "MAX".

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata 7 ta' Lulju 2003.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta bi twegiba ghal dik tal-attur datata 14 ta' Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur **Massimo Alakkad** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jiena nikkonferma id-dikjarazzjoni guramentata annessa mic-citazzjoni tieghi;*

*Illi ahna izzewwigna fl-I4 ta' Ottubru 1995 kif jindika if'-f'certifikat anness bhala dokument "A";*

*Illi ghandi nghid illi jiena u marti dak iz-zmien konna it-tnejn niffurmaw parti mid-denominazzjoni tal-Christian Fellowship li kienet ghaqda maghluqa li kienet tordna lil membri taghha sabiex jizzewgu nies mill-istess ghaqda. Jiena b'hekk kont hassejtni kostrett lilli nizzewweg lil xi hadd minn gewwa. Anzi hassejt li jekk ma nizzewwigx lil xi hadd minn hemm gew ma kontx inkun nista nizzewweg. B'hekk nghid illi l-kunsens tieghi (u nahseb anke ta' marti) ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza morali, jew biza* ***artikolu 19 (1) (a) Kap 255;***

*Illi nghid ukoll illi l-kunsens taghna kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, nghid illi jiena u marti konna "brainwashed" jiena kont inhoss theddida mill-fidi ta' din l-ghaqda u din it-theddida kkondizzjonatli l-ghazla tat-partner li allura jien hassejt li kelli naghzel minn fost it-tfajliet f'din l-ghaqda. Jiena hassejt li biex nizzewweg stajt naghmel hekk biss billi naghzel wahda minn f'cirka ghoxrin membru mara li kienu ukoll f' in l-ghaqda.* ***Artikolu 19(1)(d) Kap 255.*** *Jiena hassejt illi din kienet l-unika opportunita li naqdi l-inklinazzjoni naturali tieghi;*

*Illi nghid ukoll illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tat-att taz-zwieg* ***artikolu 19 (1) (f) Kap 255;***

*Illi ahna anke' fl-gherusija kellna glied kbir u kieku ma hassejtnix sfurzat biex nizzewweg minn nies ta' din l-ghaqda jiena ma kontx niehu l-pass. Huma kienu ipperswadewni li jiena kelli nahfer u nafda f' idejn Alla u nizzewweg. Nghid illi fli-fatt wara z-zwieg l-inkwiet beda mill-ewwel. Hsibna li stajna intaffu il-problemi billi ingibu t-*

*tfal – pero’ dan ma irnexxiex. L-inkwiet kompla sa ma kellna nisseparaw permezz ta’ kuntratt;*

*Illi ahna kif gia ghidt konna nifformaw parti minn ghaqda religjuza “Christian Fellowship” li kienet timponi lill-membri taghha biex jizzewgu persuni tal-istess ghaqda - jiena hassejtni obbligat li neskludi kuII persuna ohra barra minn din l-ghaqda u nizzewweg lill-konvenuta; fil-fatt iz-zwieg sar anke minghajr ma kien hemm veru imhabba bejnietna. Fil-fatt il-problemi fiz-zwieg bdew mill-ewwel;*

*Illi ghandi nghid illi jiena kont inhossni imjassar f’mohhi mit-taghlim taghhom. Ghandi nghid illi ahna iddecidejna li ma nizzewgux bil-Knisja Kattolika. Kont ghadni zghir meta inqbadt f’din is-setta. Huma kienu jitolbu minn ghandna parti minn ghaxra tal-qligh taghna;*

*Illi jiena hassejtni kwazi sfurzat mill-indottrinament tal-ghaqda li nizzewweg lill-konvenuta anke’ ghaliex hassejt ~ la ma stajtx nizzewweg barra mill-ghaqda kien jaqbilli nikkuntenta bil-konvenuta;*

*Illi din l-ghaqda kienet bazikament immexxija minn Nigerjani. Marti illum qeghda tghix ma haddiehor. Jiena intant ukoll qed nghix ma’ mara ohra li minnha ghandi tifla;*

*Illi jiena nghid li gejt indottrinat minn din is-setta, hassejt li ma kellix alternattiva sabiex naqdi il-bzonnijiet fizici tieghi hlief li nizzewweg u sabiex naghmel dan stajt biss nizzewweg lil xi hadd minn gewwa l-ghaqda - hekk kont hassejtni jien. Meta dhalt fl-ghaqda kelli biss 17 il-sena. Fil-fatt l-ewwel dahlet ommi u hija u wara kaxkru lili wkoll. Ommi telqet mill-ghaqda pero’ hija ghadu. Kieku ma kellix dan l-indottrinament zgur li ma kontx nizzewweg;*

*Illi meta izzewwigt kelli 23 sena. Meta dhalt jiena hi ma kinitx fl-ghaqda taghna tal-Imsida imma f’ ta’ San Gwann. Kont iltqajt maghha meta ddecidejna bhala grupp mill-ghaqda taghna u grupp minn fergha ta’ San Gwann. Ahna ddecidejna li nizzewgu sena wara li ltqajna. Fil-fatt kollox sar bl-ghagla u sena wara li ddecidejna ahna zzewwigna permezz taz-zwieg Civili;*

*Illi jiena nghid li l-vizjoni taz-zwieg tieghi dak iz-zmien kien biss li dan kien l-uniku mod moralment tajjeb li permezz tieghu stajt naqdi il-bzonnijiet naturali tieghi bhala ragel. Ma qiestx l-ebda obbligu jew dritt iehor. Nghid illi wara z-zwieg kont nahdem fil-jiem kollha tal-gimgha fil-ghodu u fil-ghaxija. Kont naghmel minn kollox biex niskarta d-dar, ma kontx inhossni komdu ma' marti u l-anqas fil-hajja mizzewga. Nghid li zbaljajna meta hsibna li bil-migja tat-tfal stajna insewwu zwieg li fil-fatt qatt ma ezista. Qatt ma hassejt responsabbilta ta' ragel mizzeweg;*

*Illi nghid ukoll li marti kienet gejja minn familja fejn ommha u missierha ghamlu zmien ma jitkelmux illum fil-fatt separati. Naf li marti fit-tfulija taghha u sa qabel ma izzewget kienet tghix f' deprivazzjoni. Naf li hi ukoll fid-dar kienet imdejqa anke' minhabba f'certi attitudnijiet ta' missierha barra l-iskarsezza li kellhom. Ghalhekk hi kienet qed tara z-zwieg bhala mezz biex tahrab minn din is-sitwazzjoni. Nghid li ommha u missierha ma tantx kienu jiehdu hsiebha. Fli-fatt sa qabel ma zzewwigna hi u ohtha tewmija kienu gew jghixu mieghi u ma' ornmi. Marti u ohtha lanqas biss kienu icemplu id-dar taghhom ghall-ewwel xahrejn li kienu ghandna. Nghid li marti kellha ghaggla biex tizzewweg u jiena nghid li fil-fatt l-iskop li ghalih izzewget kien biex hi tehles mid-dar u l-problemi materjali u mhux li hi kellha hemm;*

*Illi fil-fatt ghat-tieg marti harget mid-dar ta' ommi u jiena mid-dar tal-best man."*

Illi gew prezntati wkoll wkoll zewg xhieda ohra mill-attur li taw ix-xhieda taghhom premezz tal-procedura ta' l-affidavits u dawn huma ta' omm u tal-habib tal-attur rispettivament, **Victoria Alakkad** (affidavit a fol. 23) u **Alex Bonnici** (a fol. 26).

Illi l-**konvenuta Jacquline Alakkad** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi kien Awwissu ta' l-elf disgha mija u tlieta u disghin meta l-grupp tal-Knisja Kristjana fejn kont nattendi jien,*

*ghamilina hbieb ma' grupp ta' zaghzagh ohra fejn kien jattendi Massimo. Kien hemm l-ewwel darba u ltqajt mieghu u ma' huh Ben. Massimo kellu ghoxrin sena u huh Ben tnejn u ghoxrin. Wara xi flit gimghat bdew ihossuhom li qed imorru tajjeb fil-kumpanija tieghi u ta' ohti t-tewmija Mary Grace (li llum hija l-mara ta' huh Ben). Bdejna nohorgu wehidna maghhom ukoll, barra, milli bhala grupp;*

*Illi kien f'lejlet il-Milied ta' l-istess sena meta Massimo staqsini biex nibda nohrog mieghu u jien accettajt. Wara xi sena staqsini biex nizzewgu u jien accettajt ukoll peress li hu bniedem ezemplari, tad-dixxiplina u responsabbli. Izzewwigna fl-erbatax ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin;*

*Illi wara hames xhur ta' zwieg bdejna nahsbu ghal tarbija. Fid-dsatax ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin kellna tifel bl-isem ta' Nathan John. Hu tant xtaq li jaghtih minn kollox lit-tifel li ddecieda li jmur part-time - tlett darbiet fil-gimgha - u jiena sa hemm qbilt. Mhux sakemm beda jahdem f'zewg xogholijiet mit-Tnejn sal-Hadd, filghodu u filghaxija bla nifs. Niltaqghu biss f'xi s-saghtejn ta' filghodu u jerga' johrog f'xi s-sitta u nofs. Hemmhekk bdew l-argumenti familjari meta jiena kont insostni li m'ghandux ghalfejn jahdem daqshekk. Il-familja bdiet titlef il-valuri taghha minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni;*

*Illi Massimo ma accetta qatt li jitlaq mill-part-time u ghalija kien qisu full time iehor minhabba li kien iqatta' hafna sieghat peress li kien ha l-kariga tar-Restaurant f'idejh. Kien hawn li ltaqa' mat-terza persuna. Kien qed iqatta' hafna iktar hin maghha milli mal-familja u hemm beda l-adulterju;*

*Illi Massimo kixef l-izball tieghu hu stess u ammetta mieghi b'kollox imma wara komplew iggravaw l-affarijiet minhabba li l-part time ma telqu qatt u xorta baqa' jiffrekkwenta lill-persuna l-ohra u kien hawn li ersaqna ghal separazzjoni;*

*Illi pero' ghalkemm gara li gara nahseb jidher car wisq illi ma kienx xi zwieg sfurzat u l-anqas imbuttat jew*

*'brainwashed' minn xi ghaqda kif qal hu li issa wara u dahal go nassa minflok qed jipprova jissetilja wara l-izball li ghamel qed jghaffeg iktar. Li jiddispjacini nghid li dan mhux Massimo li naf jien;*

*Illi fl-ghaqda li konna fiha nista' nghid illi t- tnejn li ahna gid ghamlitilina sakemm bqajna nattendu. Gieli saru zwigijiet fejn iz-zewg partijiet ma jkunux ta' l-istess fehma, ghalhekk preferibilment ahjar li jkunu ta' l-istess. Massimo kellu eta' bizzejjed biex jahseb u jiddecidi dak li hu tajjeb jew hazin;;*

*Illi jien fil-fehma tieghi, Massimo ma' kien sfurzat minn hadd u dak kollu li ghamel ghamlu fil-buona volonta' tieghu. B' hekk nichad dak kollu li qal."*

Illi gew prezentat wkoll erba' xhieda ohra mill-konvenuta li taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura ta' l-affidavits u dawn huma **Benjamin Alakkad** (a fol. 30) li sostna li f'din l-ghaqda religjuza hadd ma kien sforzat li jizzewweg u r-raguni li dan iz-zwieg sfratta kien biss minhabba x-xoghol *part time* tal-attur u r-relazzjoni adultera tieghu;

Illi tal-istess fehma huwa **Angelo Abela** (a fol. 31) habib tal-attrici u dan sosstna li l-attur kemm fiz-ziweg tieghu u kemm socjalment wara deher li kien kuntent bl-ghazla li ghamel; **Christopher Abela** (a fol. 32 u 33) membru tal-Knisja Evangelista sostna li kemm ilu membru ma jaf b'hadd li gie sforzat mill-istess ghaqda biex jizzewweg, ghalkemm huma imhegga bhal knejjes ohra sabiex jizzewgu persuni tal-istess twemmin. Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti huwa dejjem ra bhala ezemplari tant li qatt ma ra lill-istess koppja titlewwem, u kien sorpriz meta sema' li dan iz-zwieg kien sfaxxa. Pero' huwa jhoss li l-attur inbiddel kemm minhabba x-xoghol zejjed li kien qed jaghmel u wkoll r-relazzjoni tieghu extra-maritali ma' terza persuna; ghalih it-talba ta' annulament *da parte* tal-attur hija skuza u mezz sabiex l-attur jipprova jiggustifika lilu nnifsu ta' dak li ghamel u jahrab mir-responsabilitajiet ta' missier;

Illi min-naha taghha **Mary Grace Alakkad** (a fol. 34) oht l-konvenuta li kkonfermat it-tezi tal-konvenuta sal-inqas dettal u sostniet li dan kollu gara minhabba x-xoghol tal-attur u r-relazzjoni extra maritali tieghu.

Illi l-attur pprezenta wkoll affidavit ulterjuri tieghu datat 31 ta’ Jannar 2003 fejn huwa rrisponda ghall-affidavits prodotti mix-xhieda tal-konvenuta u l-Qorti tirreferi ghall-istess a fol. 36 sa 40 tal-process; l-istess attur xehed in kontro-ezami fit-12 ta’ Mejju 2003 u l-konvenuta xehdet in kontro-ezami fis-26 ta’ Mejju 2003.

## (ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur ibbaza t-talbiet tieghu *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) (b) (d) (f) (g) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u li l-ewwel subartikolu jipprovdi li:-

***Artikolu 19 (1) (a)*** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza”*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (Cit. Nru. 1019/98/RCP) deciza fid-9 ta’ Marzu, 2000) diga kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza’ u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **“Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba”** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta’ Awissu, 1995):-

*“… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza’ esterna ta’ natura rrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsens.”*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** ( P.A. - 22 ta' Novembru1982, ) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggezjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certu entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) 11 ta' Ottubru 2002):-

*"ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza' tista' tinholoq direttament stante li l-attrici kienet litteralment mhedda*

*b'hajjitha u persunita jekk hija ma taccettax li tizzewweg lill-konvenut, ovvjament ghall-iskopijiet tieghu tant li kien biss dan it-theddid u biza li wasslu lill-attrici tiehu dan il-pass ta' zwieg in verita' fazul".*

Illi l-attur jissottometti wkoll li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozzzjoni ta' ***Viladrich***:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' 'mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (*ara,* **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995*).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini****,* id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per*

*l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna,

bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f' dan il-kuntest hi potizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kuncetti li gew esposti iktar 'fuq izda, anke' minhabba l-portata ta' din il-kawza jehtieg li jigu enfassizati.

Ili dawn fil-fatt huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta'

Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"**

(P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

***artikolu 19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder**

**Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

Illi l-istess attur ippremetta wkoll li z-zwieg tieghu huwa null skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (b) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita tal-parti l-ohra.”*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Antionette Agius vs Joseph Gauci”** (P.A. (RCP) 19 ta’ Frar 2003 l-izball jikkonsisti f’gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista’ jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna, imbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni ibbazata fuq dak illi li zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Il-**“*Castano’”*** jaghti is-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu: **“Il Sacramento del Matrimonio”**:-

“*L’errore infatti e’ un atto del’intelletto che consiste in un ‘iudicium falsum’, gudizio che ha come causa una falsa ‘rei apprehensio’. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta – facolta’ che consente – non si muove se l’intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita’. Ma l’intelletto, proprio a causa del ‘iudicium falsum (errore), presenta alla volonta’ un oggetto falso distorto, un oggetto cioe’ che non corrisponde alla verita’. E’ per questo che la volonta’ viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta’ e quindi il vero consenso viene a mancare”*.

Illi huwa minhabba f’din ir-raguni illi l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li il-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* jrid ikun tali illi min-natura tieghu jfixkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball,

wara l-gharfien ta’ dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b’dan l-gharfien allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti ikun wiehed validu u dana peress illi l-volonta tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b’dak il-gudizzju falz li ikun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, issir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita tal-persuna, liema kwalita trid tkun *“directly and principally intended”*, u cjoe’ li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma’ dik il-kwalita fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita ta’ dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

Illi l-attur jirreferi ukoll ghall **l-artikolu 19 (1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*“jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur”.*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond **J. Edward Hudson** *“a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. “I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you”* ***(“Handbook II for Marriage Nullity Cases”*** *pg. 107).* Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta’ annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghal avveniment fil-futur.

Illi l-attur fl-ahharnett ibbaza t-talbiet tieghu ukoll *ai termini* tal-**artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255.** L-attur ippremetta illi wahda mill-partijiet ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-

artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghall-persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta’ dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta’ dipressjoni.

*Illi* **John R. Keating***, fil-ktieb tieghu* ***“The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence”*** *f’pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-*

*“Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will.”*

**(iii) APPREZZAMENT TA’ PROVI.**

Illi fl-azzjoni attrici jissemmew kwazi r-ragunijiet kollha stipulati mil-ligi li abbazi taghhom l-istess attur qed jallega li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null u bla effett, izda jidher li dan sar erronjament mill-attur *stante* li jidher li diversi subartikoli kkwotati meta imqabbla mal-provi prodotti jirrizultaw palezament li ma japplikawx ghall-kaz odjern.

Illi din il-Qorti esponiet iktar il-fuq l-principji legali li jirregolaw l-istess premessi u mill-provi prodotti jirrizulta li diversi minnhom jistghu jigu skartati, kif *di piu* jidher li ghamel l-attur innifsu fin-nota tal-osservazzjonijiet, fejn fis-7 ta’ Lulju 2003 intebah li l-azzjoni tieghu kienet ahjar impostata fuq zewgt subartikoli biss u cjoe’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi pero’ ghall-kompletezza din il-Qorti l-ewwel ser tiddisponi mis-subartikoli li ma japplikawx ghall kaz in ezami u tibda mill-**artikolu 19 (1) (b)** fejn mill-provi prodotti lanqas biss hemm indikazzjoni dwar xi zball li setgha ha l-attur fuq l-identita’ tal-persuna l-ohra; l-istess

japplika ghall-**artikolu 19 (1) (g)** fejn mill-provi ma hemm lanqas l-inqas accenn li xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur; fl-ahharnett l-istess jinghad dwar l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255,** *stante* li lanqas biss hemm hjiel li wahda mill-partijiet kellha l-kapacitajiet intelletwali jew volitivi taghha ridotti jew nieqsa temporanjament, u dan fl-isfond ta' kif ghandu jiftiehem l-istess subartikolu kif espost iktar il-fuq.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a)** jidher li ghal-ewwel l-istess attur beda' jistrieh fuqhu, u dan l-iktar dwar l-allegazzjoni tieghu li fil-komunjoni religjuza li huwa u l-konvenuta kienu jaghmlu parti minnha, cjoe' dik imsejha bhala *Christian Fellowship,* kien hemm insistenza li l-membri tal-istess kellhom jizzewgu jew jinghaqdu fiz-zwieg ma' persuna mill-istess ghaqda.

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-messagg tal-istess ghaqda kien li preferibbilment tali unjoni taz-zwieg ghall-membri taghha kellha tkun ma' membri tal-istess ghaqda, u dan qabblu mieghu x-xhieda kollha prodotti f'din il-kawza, izda daqstant iehor l-istess xhieda qalu, (u dan kwazi b'mod konsistenti) li ma kien hemm l-ebda imposizzjoni dwar l-istess, u fil-fatt kien hemm membri li fil-fatt izzewgu persuni ohra li ma kinux membri tal-istess ghaqda, u ohrajn bhal l-ahwa tal-kontendenti li fil-fatt ghazlu li jsegwu l-istess direzzjoni lilhom moghtija mill-mexxejja jew superjuri tal-istess ghaqda. Hu x'inhu l-kaz, u dan biss riferibbilment ghal dak li jipprovi s-subartikolu taht ezami, dan bl-ebda mod fih innifsu ma jwassal ghall-biza' jew vjolenza morali hemm rikjesta sabiex tali kunsens moghti mill-attur jigi ddikjarat vizzjat. Anzi din il-Qorti thoss li abbazi tal-provi prodotti l-attur certament ma irnexxilhux jipprova dan id-difett fil-kunsens tieghu minhabba xi pressjoni ezercitata fuqhu minn haddiehor, inkluz l-membri u s-superjuri tal-istess ghaqda, li jistghu remottament iwasslu sabiex tintlaqa' din it-talba fuq din il-bazi; dan ghandu pero' dejjem jinzamm distakkat legalament u guridikament mill-animu tal-attur, kif l-istess ser jintwera iktar il-quddiem f'din id-decizjoni, meta jigu ezaminati kapi ohra tal-premessi li fuqhom ibbaza ruhhu l-

attur fil-kawza odjerna. Ghalhekk t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** qed tigi hawn michuda.

Illi din il-Qorti thoss ukoll li l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** lanqas japplika ghall-kaz in ezami, u dan ukoll minkejja li l-attur baqa' din id-darba jinsisti fuq l-istess anke' fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu; fil-fatt mill-provi prodotti ma jidhirx li xi wahda mill-partijiet eskludiet *a priori* xi element essenzjali taz-zwieg, anke' minhabba li kif ser jinghad ghar-rigward l-attur iktar il-quddiem, kien difficli jekk mhux impossibbli ghalih li jaghmel dan, mentri fil-kaz tal-konvenuta din tidher li kienet u fil-fatt ghada konvinta fuq il-pass li hadhet, tant li ssostni li mhux biss z-zwieg sar validament minnha, izda anke' min-naha tal-attur, peress li l-unika problemi li hija setghet tirriskontra kienu fil-fatt ghac-cirkostanzi li graw wara l-istess zwieg, fejn l-attur beda' jahdem bla hedda xoghol *part time* u jidher li *tramite* l-istess xoghol, (li kien qed izommu hafna l-boghod mid-dar) huwa kellu u jidher li kompla jkollu relazzjoni extra-maritali ma' mara ohra. Sabiex jinghalaq dan il-kapitalu dwar l-**artikolu 19 (1) (f)** din il-Qorti tikkonkludi billi tghid li abbazi tal-provi prodotti ma jirrizultax li xi parti konxjentosament issimulat il-kunsens taghha billi eskludiet xi element essenzjali mill-obbligi u drittijiet naxxenti mill-istitut taz-zwieg u sa hawn jidher li fuq dawn il-kapi kollha imsemmija mill-attur, u hawn s'issa ezaminati, l-konvenuta ghandha ragun, u ghalhekk it-talba tal-attur abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f)** ghandha tigi wkoll michuda.

Illi hawn ghandu jigi enfasizzat li anke' f'dawn it-tip ta' kawzi huwa l-attur li ghandu l-oneru ta' prova, u ghalhekk jidher car minn dak kollu li inghad s'issa li l-attur ma rnexxilhux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu abbazi tas-subartikoli sa issa kkonsidrati. Jonqos biss li tigi ezaminata l-allegazzjoni attrici skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi taht din id-disposizzjonijiet it-tezi tal-attur hija s-segwenti u cjoe' li huwa sar membru tal-ghaqda religjuza *"Christian Fellowship"* u l-istess kienet il-konvenuta; kien ilu f'din l-ordni sa meta kellu 17 il-sena u ma hemm l-ebda dubju li l-attur ha bis-serjeta' id-direttivi li kienu jinghataw

mis-superjuri tal-istess, anke' peress li jidher li huwa kellu ambizzjonijiet serji sabiex jilhaq fi grad ghola fl-istess ghaqda u fil-fatt gie deskritt anke' mix-xhieda prodotti mill-konvenuta li huwa kien jghix f'dak iz-zmien il-preceti tal-istess ghaqda religjuza *"to the book".*

Illi fil-fatt kienet il-konvenuta stess li wara li qalet li hija ingibdet lejn l-attur ghaliex kien bniedem ezamplari b'karateristici ta' dixxiplina, serjeta' u responsabilita', ziedet tghid proprju fil-kontro-ezami taghha li:-

*"Nahseb li aktar kien jurihom hemm* (fl-ghaqda religjuza imsemmija) *milli fil-familja, ghaliex tant kien bniedem mohhu f'hemm, mohhu f'dan it-taghlim, hu kien wiehed mill-aqwa, ghaliex kien jaghti ftit hin lili u l-bqija jistudja, jaqra jittransjleta……."*

Illi dan kollu johrog car mix-xhieda kollha prodotti f'din il-kawza u l-attur innifsu huwa konsistenti fuq l-istess fejn jidher ippruvat definittivament li ghalih f'dak il-perjodu ta' hajtu qabel ma zzewweg lill-attrici, l-istess ghaqda li l-membri taghha jikkonsidraw ruhhom infushom bhala *"born again Christians",* kienet kollox ghalih u kienet tiddettalhu kull ma' kien jaghmel f'hajtu.

Illi allura ma jistax ikun li tali twemmin tieghu ma kellhux impressjoni fuqhu u fil-fatt din il-Qorti thoss li mix-xhieda kollha prodotti gie konkludentement ippruvat li l-istess attur kien ghal kollox dedikat ghall precetti kollha tal-istess ghaqda dwar l-istil ta' hajja li kellu jghix; f'dan l-isfond jidher car, u dan lanqas ma huwa kontestat, li wahda mis-suggerimenti li s-superjuri tieghu kienu konstanament jtuh kienet li preferibilment ghandu jizzewweg ma' persuna li tkun membru fl-istess ghaqda, u ma hemm l-ebda dubju li din id-direttiva ghalkemm ma jidhirx li kienet wahda *sine qua non,* ittiehdet bis-serjeta' mill-attur, sal-punt li ghal dak li kienet il-konoxxenza tieghu, huwa ma kienx permess li jiksirha, iktar u iktar meta huwa kellu ambizzjonijiet serji li jilhaq sew fl-ghaqda, u kien ukoll maz-zmien wiehed mill-esponenti ewlenin tal-istess ghaqda, tant li gie deskritt bhala li *"kontinwament jipprova jikkonvincina li t-twemmin tieghu kien tajjeb……."* (fol.26 Alex Bonnici).

Illi dwar li l-istess l-attur ha din l-ghaqda religjuza b'serjeta' kbira u kien dedikat sew ghaliha hemm ukoll ix-xhieda ta' l-persuni kollha prodotti mill-konvenuta, u wkoll il-konvenuta nnfisha, tant li ix-xhud Christipher Abela (li kien ghal kollox kritiku ghall-attur dwar il-fatt innifsu li stitwixxa din il-kawza wara li kellu relazzjoni adultera) sostna fl-affidavit tieghu a fol. 32 tal-process li:-

*"konna nitkellmu bejnietna b'kundita' dwar suggetti kontraversjali anke' mill-Bibbja stess. Massimo kien jippreferi jsegwi din il-kelma b'kelma ………..".*

Illi ma' dan kollu jrid jizdied il-fatt li fl-istess ghaqda religjuza l-istess membri kienu mghallma li *"ghall gid tal-koppja mizzewwga u s-sakralita' taz-zwieg l-att sesswali ghandu jsir fiz-zwieg ……."* (Christopher Abela a fol. 32).

Illi mela tenut kont tal-mod kif l-istess attur kien membru ferventi u prattikanti tal-istess ghaqda religjuza, u tenut kont tal-fatt li l-istess attur kien isegwi l-precetti kollha u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-istess ghaqda, u dan mhux biss limitat ghall-hinijiet tal-laqghat, izda jista' jinghad li hajtu f'dak iz-zmien fassalha totalment madwar l-istess ghaqda, ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti li huwa kien adestra ruhhu li jobdi l-precetti tal-istess ghaqda akkost ta' kollox, tant li l-aspirazzjonijiet tieghu li jilhaq fl-istess ghaqda kienu kbar u ferventi.

Illi kien ghalhekk li huwa ma setgha qatt f'dak il-perjodu jikkonsidra li jizzewweg jew jinghaqad ma' xi persuna f'unjoni ta' zwieg li ma kinitx membru tal-istess ghaqda, u *nonostante* l-gibdiet naturali li kellu ghas-sess oppost, kull relazzjoni ta' intimita' kellha ssir skond il-precetti tal-istess ghaqda u cjoe' biss ma membri tal-istess ghaqda religjuza u fiz-zwieg biss, u ghalhekk tenut kont tal-amibizzjonijiet tieghu x-xelta tieghu kienet ristretta ghall-istess membri u kien ghalhekk li huwa ghazel li jizzewweg lill-konvenuta, li kienet thadden l-istess twemmin religjuz tieghu; fuq kollox dan jidher li gie facilitat mill-fatt li huh stess beda' johrog wkoll ma' oht l-konvenuta lkoll membri tal-istess ghaqda, u f'dan il-pass l-istess attur kien jidher li kien altru minn

konvint, ghaliex b'hekk peress li jkun segwa t-taghlim tal-istess ghaqda l-possibilita' li huwa javvanza fl-istess ghaqda u wkoll li jhoss li huwa qed jagixxi mat-taghlim tal-istess kien wiehed kbir u fl-istat attwali li kien fih, din kienet l-unika triq miftuha ghalih, sabiex, kif kien jifihma huwa, jkun fidil ghal-precitti kollha tal-istess ghaqda religjuza.

Illi f'dan l-isfond kollu ma hemm l-ebda dubju li jidher car li l-attur kien ghal kollox fidil lejn il-precetti tal-istess ghaqda, u ghalih z-zwieg mal-konvenuta, wkoll membru tal-istess ghaqda, kien ghalih fuq kollox mezz sabiex huwa jkompli *'fulfill himself'* fl-istess ghaqda, u dan iktar minn kull haga ohra, tant li jista' jinghad li huwa kien ghal kollox influwenzat bit-taghlim tal-istess.

Illi dan fih innifsu impedih b'mod oggettiv mix-xelti li huwa setgha jaghmel, li fl-istat li kien ta' infattwazzjoni totali ghall-istess ghaqda, certament li ma tantx halliethu fejn jimmanuvra, u ghalih kien immaterjali li l-istil ta' hajja li fil-fatt ghazel li jaddotta ma kienx dettat arbitrarjament mill-istess ghaqda, izda kellu opozjonijiet ohra. Ghalih fis-subkonxju u konxju tieghu huwa, la darba ghazel li jsegwi l-precetti tal-istess ghaqda f'kollox, l-ebda triq ohra ma kienet miftuha ghalih, u dak li wasslu biex jaghmel il-pass mal-konvenuta, kien fuq kollox mibni fuq l-percezzjoni tieghu tal-hajja tieghu bhala membru tal-istess ghaqda, u li kien qed jaghmel kollox kif dirett mill-istess, b'dan allura li ghalih l-ghazla ta' zwieg ma' mara li mhux membru tal-istess ghaqda religjuza, lanqas biss kienet tezisti u fil-fatt qatt ma kkonsidra.

Illi f'dan l-istat ta' animu tal-attur jidher car li l-gudizzju tieghu dwar l-unjoni tieghu mal-konvenuta kien hekk imxekkel u adirittura neboluz peress li ftit jew xejn setgha jkollu dik il-liberta' ta' hsieb u ghazla evalwattiva sabiex jikkoncepi l-obbligi tieghu fiz-zwieg mal-istess persuna, ghaliex dawn ghalih kienu sekondarji ghall-iskop tieghu.

Illi fil-fatt huwa relevanti li jigi ripetut dak li nghad fir-relazzjoni peritali fil-kawza fl-ismijiet **"John Anastasi vs Roselle Anastasi"** deciza fil-11 ta' Mejju 1988 (P.A.

(SBC) liema sentenza addotta l-istess principji hemm esposti fl-imsemmija relazzjoni u cjoe' li fil-kaz kontemplat taht l-**artikolu 19 (1) (d)** *"while it is possible that an integral act of consent could have existed on the part of the contracting person, this person is never the less unable to filfil his assmumed obbligations"* **(*J. Edward Hudson Handbbook II for Marriage Nullity Cases 1980).***

Illi l-kuncett ta' *"lack of due descretion"* jista' jigi kkwazat f'diversi modi u fatturi fosthom *"disharmony which exists amont the various structures of the personality; difficulties realting to the sexual relationship; inadequate perception of the object of consent; lack of free deliberation; defetx of internal freedeom"* l-ahhar zewgt konsiderazzjonijiet ferm relevanti ghall-kaz in ezami.

Illi fil-fatt biex ikun hemm kaz ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jehtieg li f'wahda mill-partijiet ikun hemm mankanza gravi ta' wiehed minn dawn l-aspetti:-

*"(a) Conceptual knowledge – "at the time of the ginving of consent the person must have possessed the basic knowledge of the nature and object of mariage, its ends and rights and duties as elements of the nature of marriage".*

*(b) Evalutive knowledge – " at the time of the giving of consent the person must have substantially appreciated the nature, the import and the essential implications and consequences of marriage".*

*(c) Pschological freedoms – "when giving consent the person must have enjoyed the degree of pschological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice".* ***(Keationg J. R.*** pagna 135).

Illi fid-dawl tal-imsemmija insenjati jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur fil-mument li huwa ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg ma kellhux dik il-liberta' ta' xelta psikologika li jaghmel ghazla libera tas-siehba tieghu ghaz-zwieg, ghaliex tant issogetta ruhhu ghal dak li huwa kkoncepa bhala precetti

tal-istess ghaqda religjuza, li ghalih iz-zwieg kien ghalih necessita' sabiex jilhaq fi grad iktar gholi fl-istess ghaqda, u l-ghazla tas-siehba tieghu kienet hekk ristretta kif inghad. Huwa mmaterjali f'dan l-aspett li l-istess ghaqda religjuza qatt ma imponietlu li jaghmel dan il-pass, ghaliex dak li huwa relevanti ghall-kaz odjern kien il-fatt li ghall-attur kien ta' massimu importanza li huwa jimxi fuq id-direttivi tal-istess ghaqda, li ghalih kienu *sine qua non* jekk huwa ried ikompli javvanza fl-istess ghaqda – ghalih u kif huwa fehem il-partecipazzjoni tieghu fl-istess ghaqda – huwa qatt ma kellu xelta ohra – kellu jizzewweg u jizzewweg biss membri tal-istess ghaqda – u tali zwieg iservi sabiex jaqdi l-bzonnijiet tieghu ta' ragel u wkoll sabiex javvanza il-quddiem fl-istess ghaqda.

Illi kien dan l-ispirtu li l-attur dahal ghal dan iz-zwieg, u dan kien kollu dovut ghall-percezzjoni tieghu tal-precetti tal-istess ghaqda, u l-konvenuta ghalih kienet biss il-mezz sabiex jilhaq l-ghan tieghu, sentimenti dawn li jmorru ghal kollox kontra l-kuncett ta' komunjoni ta' hajja perpetwa mibnija fuq l-imhabba totali lejn is-siehba fl-istess unjoni, tant li l-attur ftit ta' rilevenza ghall-kwalitajiet tal-persuna tal-konvenuta, ghaliex in verita' din kienet biss oggett sabiex jilhaq l-iskop egositici tieghu.

Illi dan l-attagament tal-attur certament ghamilha impossibbli ghalih li jaqdi d-doveri tieghu ta' ragel mizzewweg, tant li l-inkwiet bejn il-koppja beda' mill-ewwel, ghaliex in verita' l-attur qatt ma kellu u qatt ma fittex li jkollu affjatament mal-konvenuta, u fil-fatt wara ftit beda' jfittex li jallontana ruhhu mid-dar konjugali tant li kien ipprefera li jaghmel xoghol iehor imbasta ma jkunx prezenti d-dar; din l-konvenuta ovvjament oggezzjonat ghalih, pero' hadd u xejn ma setgha jzomm lill-attur, ghaliex jidher car li mhux biss qatt ma pprova jifhem lill-konvenuta, izda fuq kollox qatt ma adatta ruhhu sabiex jghix ta' ragel mizzewweg mal-istess konvenuta, tant li jista' jinghad li fl-istat psikoligiku li huwa dahal ghal dan iz-zwieg ghall-ghanijiet tieghu, kien impossibbli ghalih li jifhem ir-rwol tieghu ta' ragel mizzewweg, u infaccjat bl-istess ghamel minn kollox biex jahrab minnha.

Illi dan jispjega ghaliex adirittura l-konvenuta sostniet bl'iktar mod skjet li dan ma kienx ir-ragel li hija zzewwget, u r-raguni hija wahda u cjoe' li l-attur qatt ma kien kapaci f'dak l'istat li kien qabel iz-zwieg, li jifhem u jikkoncepi l-obbligi tieghu taz-zwieg u l-elementi essenzjali tal-istess zwieg; fil-fatt l-attur qatt ma accetta l-hajja tieghu ta' mizzewweg mal-konvenuta, lanqas jekk l-istess relazzjoni halliet il-frott ta' l-ulied, izda dejjem fittex li jallontana ruhhu mill-istess konvenuta, sakemm iz-zwieg sfaxxa fi ftit snin, u llum jidher li l-partijiet accettaw li dak li kien hemm bejniethom, ghall-attur qatt ma kien, u ghall-konvenuta spicca ghal kollox.

Illi x-xhieda prodotti mill-konvenuta li sostnew li l-attur qatt ma wera dubbji dwar ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, f'dan l-isfond kollu ma jfissru xejn u mhux biss ghaliex l-attur certament ma kienx jesprimi ruhhu malajr, anzi adirittura jidher li kien izomm kollox go fih u hekk baqa' jaghmel fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, izda fuq kollox l-attur ma setgha qatt jaghmel dan ghaliex ghalih kien qed jaghmel l-unika haga li setgha jaghmel fic-cirkostanzi u cjoe' jizzewweg lill konvenuta bhala wahda mill-ftit persuni disponibbli *stante* li kienet membru tal-istess ghaqda, u f'dan huwa kien altru li konvint. Kull haga ohra fil-fatt lanqas biss kienet tezisti ghalih, u proprju dan l-istat ta' animu u konoxxenza tal-attur li jwasslu lil din il-Qorti b'mod mill-iktar konvint tasal ghall-konkluzzjoni unika li tista' tiehu abbazi tal-provi prodotti li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u kawza t'hekk dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-14 ta’ Ottubru 1995 huwa null u bla effett *ai termini* tal-Ligi u senjatament skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------